MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 24/2012

**Vodafone Malta Limited**

**Vs.**

**Maria Buttigieg**

It-Tribunal;

Ra’ l-Avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet illi tithallas minn ghand il-konvenuta  is-somma ta’ hames mija u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€528.86) dovuti in konnessjoni ma’ servizzi u prodotti ta’ telefonija cellulari u servizzi ohra skond ftehim iffirmat bejn il-kontendenti u dan skond fattura li giet esebita mal-avviz. Dan bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali spedita ai termini ta’ l-artikolu 166 A tal-Kap 12 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru prezentati kontra l-konvenuta.

Ra illi l-konvenuta giet notifikata b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Dan kif jirrizulta mir-riferti tal-Marixxal, a folio tergo hamsa u hamsin (55) tal-process u mill-publikazzjonijiet a folio sitta u hamsin (56) u disgha u hamsin (59) tal-process.

Ra illi fis-seduti ta' wara tali notifika, cioe' fis-seduti tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dik tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) imhollija specifikament ghall-provi tal-konvenuta, il-konvenuta ma deheritx.

Ra u sema' l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet tieghu tal-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkonsidra

Illi l-konvenuta naqset milli tikkontesta din it-talba. Fil-fatt hija la prezentat risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt dehret quddiem it-Tribunal sabiex tikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenuta saret permezz tal-publikazzjoni u tal-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ppublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'The Malta Independent'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Iilli fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) it-Tribunal semgha lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Wara li ra ukoll l-artikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta Maria Buttigieg sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u ghoxrin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€528.86); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz 'l quddiem. Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u mandat imsemmija fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------